MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-21 ta' April, 2008

Numru. 339/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**
**(Spettur Jeffrey Cilia)**

**vs**

**Lucas Vassallo, 18 il-sena, iben Paul u Josephine nee`Lia, imwieled Pieta fl-24 ta' Dicembru, 1989 u li joqghod nru. 25, Triq San Pietru u San Pawl, Isla, detentur ta' karta ta' l-identita` nru. 66590M**

**U**

**Donald Gilford, 21 sena, iben Philip u Michelina nee` Zammit, imwieled Pieta fit-23 ta' Marzu, 1987 u li joqghod nru. 3, Flt 1, Block 16B, Triq il-Gendus , Bormla detentur ta' karta ta' l-identita nru. 152187M**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati Lucas Vassallo u Donald Gilford u cioe` talli fit-2 ta' Frar, 2007, ghal habta tas-7.45p.m., fi Triq is-Sur, Isla:

1. ikkommettew serq ta' flus, *mobile top –up vouchers* u mobile phone tal-marka Nokia 3310, fost affarijiet ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u disgha w tletin Euro centezmi (€2329.37), ekwivalenti ghal elf lira Maltin, u l-hin, u li sar ghad-detriment ta' George Agius u/jew ta' persuni ohra;

2. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil-istess George Agius kontra l-volonta tieghu;

3. aktar, talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kienu qed jaghmlu delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellhom fuqhom arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

4. ukoll, talli fl-istess data, ghall-habta tas-7p.m. fi pjazza Frangisku Zahra, Isla, volontarjament, hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, u cioe` *tyre* ta' karozza Austin Metro, numru. JAM439, liema hsara ma tiskorrix it-tlieta w ghoxrin Euro centezmi (€23.29), ekwivalenti ghall-ghaxar liri Maltin, ai termini ta' l-Artiklu 325(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema hsara saret ghad-dannu ta' George Agius u jew ta' persuni ohra;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dana il-procediment.

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputati liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-Qorti tghathom zmien xieraq sabiex jirrikonsidraw l-istess.

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl ta’l-ammissjoni maghmula mill-imputati, u fid-dawl tal-provi migjuba, l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputati hatja ta’l-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom.

Illi dwar piena, il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikjrija maghmula ta’ l-imputati u il-fatt illi huma ikkolaboraw mal-pulizija fil-kors ta’ l-investigazzjonjiet. Illi ghar-rigward ta’ l-imputat Lucas Vassallo l-Qorti sejra ukoll tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat fiz-zmien tal-kommessjoni tar-rat kellu sbaghtax il-sena.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(a)(b)(c), 262, 263, 267, 2801(2), Sec 86, 325(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputati hatja ta’l-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom u tikkundannahom lil Lucas Vassallo ghal perjodu ta’ tmintax (18) il-xahar prigunerija u lil Donald Gilford ghal perijodu ta’ sentejn prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta dawn il-perjodi ta’ prigunerija qed jigu sospizi ghal zmien erba’ (4) snin mil-lum.

Il-Qorti inoltre b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28(G) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tqieghed lill-hatja ta’ ordni ta’ supervizjoni ghal zmien erba’ (4) snin mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegnwenzi skond il-ligi jekk huma jikkomettu reat iehor matul il-perijodu operattiv ta’ dina s-sentenza jew jekk huma jiksru l-ordni ta’ supervizjoni imposta fuqhom bis-sentenza tal-lum.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ l-atti jigu mibghuta lill-Avukat Generali sond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------